MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2012

Talba Numru. 267/2012

**Bay Street Hotel Complex Limited**
**C-26451**

**vs**

**Standing Ovations Co. Ltd. (C-47085)**
**u Edric Bonello (ID-271799M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas ta' elfejn tmien mija u sebgha u erbghin Ewro u disghin centezmu (€2,847.90c) ghal servizzi rezi minnha lill-konvenuti jew min minnhom fuq inkarigu taghhom stess.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-prezenti u bl-imghax legali bl-oghla rata permessa mil-ligi f'materja kummercjali mid-data tal-fattura sad-data ta' l-effettiv pagament.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra n-noti ta' riduzzjoni tas-socjeta' attrici, datati 11 ta' Mejju 2012 u 6 ta' Lulju 2012 rispettivament, li permezz taghhom it-talba tas-socjeta' attrici giet ridotta ghal elf mitejn sebgha u erbghin Ewro u disghin centezmu (€1,247.90c), u ulterjorment ghal seba' mija erbgha u sebghin Ewro u disghin centezmu (€747.90c).

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrispondu ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill- konvenuti ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija sebgha u erbghin Ewro u disghin centezmu (€747.90c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------